# Nies li Għamlu Gieħ lil Ħal Tarxien

Kan. Dun Gwann Sant

## Dun Ġwann Mamo (1878-1935)

Fost dawk in-nies li għamlu ġieħ lir-raħal tagħna ta' Ħal Tarxien, bla dubju ta' xejn insibu lil Dun Ġwann Mamo. Dan kien saċerdot li ddedika ħajtu kollha biex jaħdem fost iż-żgħażagħ meta fi żmienu ftit li xejn kienet tingħata importanza lil din il-ħidma pastorali. Kien bniedem li kien jaħseb fit-tul u meta tikkonsidra l-ambjent konservattiv li fih għex wieħed jasal biex jgħid li kien bniedem li kien jaħseb fit-tul.

## Monsinjur Depiro u Dun Ġwann

Dun Ġwann Mamo kien għadu ma sarx saċerdot, kien għadu djaknu meta Monsinjur Depiro beda jaħseb li jwaqqaf soċjeta` ta' saċerdoti biex jaħdmu fost iż-żgħażagħ u l-emigranti Maltin. Bħalma wieħed jista' jaħseb Mons Depiro kien sab ħafna diffikultajiet fil-ħidma tiegħu għax l-ambjent ta' ħidma fost iż-żgħażagħ kien għadu xi ħaġa ġdida. B'dana kollu Dun Ġwann ma kien saċerdot li jaqta' qalbu quddiem id-diffikultajiet kbar li kellu jħabbat wiċċu magħhom tista' tgħid sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. L-ewwel pass tiegħu kien jiftaħ dar għaż-żgħażagħ f'post Raħal Ġdid fi Triq Loġġa. Dan il-bidu tal-ħidma ta' Dun Ġwann ifakkarna f'saċerdot qaddis San Ġwann Bosco meta fetaħ l-ewwel dar għaż-żgħażagħ - ħaġa li swiet tant niket lil dan il-qaddis minħabba l-oppożizzjoni li sab minn ħafna nies. San Ġwann Bosco kien jiġri fit-triqat tal-belt ta' Turin jiġbor tant żgħażagħ abbandunati li kienu jfittxu xogħol mingħajr suċċess.

## Dun Ġwann Mamo u l-Istitut Tiegħu

Id-dar li fetaħ Dun Ġwann f'Raħal Ġdid ma kinitx kbira u għalhekk Dun Ġwann beda jfittex post ikbar m' habba n-numru taż-żgħażagħ li bdew dejjem jiżdiedu. Dan il-post kellu jiġi mibni fuq art li tinsab fejn illum hemm il-patrijiet Agostinjani f'Ħal Tarxien. Dan l-Istitut kien jissejjaħ Oratorju bħal dawk ta' San Ġwann Bosco li bdew jinbtu f'kull belt fl-Italja. Il-ħsieb ta' Dun Ġwann kien li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiddevertu f'atmosfera reliġjuża imma fuq kollox biex jitgħallmu xi sengħa li tista' tiswielhom għal ġejjieni. Ħafna nies li llum kibru għadhom jiftakru kemm tgħallmu f'dan il-post u d-dedikazzjoni kompleta ta' Dun Ġwann biex jara ż-żgħażagħ ferħanin waqt li qegħdin jitgħallmu.

## Ħidma Intensiva Fl-Oratorju

Jingħad li dawk kollha li kienu jżuru lil San Ġwann Bosco fl-Oratorju tiegħu bilkemm kellhom żmien biżejjed biex ikellmuh għax kien dejjem impenjat jara li x-xogħol tal-Oratorju kien għaddej 'l quddiem u l-istess nistgħu ngħidu għal Dun Ġwann - dejjem imħabbat u dejjem jaħseb x'attivitajiet jorganizza għal tant żgħażagħ li kienu dejjem jiżdiedu fl-Oratorju. Biex torganizza ħidma bħal din kien jeħtieġ il-flus u dawn kienu jidħlu mix-xogħol tas-snajja' li kienu jaħdmu iż-żgħażagħ stess, mill-fieri li kienu jiġu organizzati. Wieħed isemmi li dawn iż-żgħażagħ kienu jaħdmu anki kaxxi tal-birra tad-ditta. Minbarra dan l-Oratorju kien joħroġ fuljett li kien mimli tagħlim fuq diversi suġġetti. Dan kien jiġi stampat fl-istamperija ta' l-Oratorju stess.

## Ħidma Spiritwali fl-Oratorju

Dun Ġwann kien jagħti importanza kbira lill-formazzjoni spiritwali liż-żgħażagħ. Biżejjed wieħed isemmi l-Kappella sabiħa ġo l-Oratorju fejn iż-żgħażagħ kienu jinġabru biex jiltaqgħu ma' Ġesu'. Din il-kappella li kienet fornita b'dak kollu li kien meħtieġ kienet iddedikata lil San Alwigi, żagħżugħ Giżwita li miet f'eta` żgħira. Il-festa ta' dan il-qaddis kienet iċċelebrata bil-kbir. Statwa ta' dan il-qaddis tinsab ukoll fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Kienu jsiru wkoll laqgħat regolari ta' tagħlim nisrani. Hekk il-ħidma tas-snajja' u dik spiritwali kienu ż-żewġ sisien li fuqhom kien mibni ideal ta' dan l-Oratorju.

## Tfixkil u tbatija

Aspett komuni fil-ħajja ta' tant qaddisin fil-ħidma tagħhom kienu d-diffukaltijiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom. Dan ġara lil Monsinjur Depiro u lil San Ġwann Bosco. Ma setax jonqos li kien hemm min għamel minn kollox biex ifixkel il-ħidma ta' Dun Ġwann b'insinwazzjonijiet malizzjużi. Dan seta' nqala' mħabba l-għira lejn il-ħidma ta' dan is-saċerdot. Kemm ra ma' wiċċu dan il-qassis. Wara kollox instab li Dun Ġwann kien innoċenti minn kull malafama iżda l-ħsara kienet laħqet saret.

Illum meta titkellem ma' xi anzjani li jiftakru lil Dun Ġwann kollha għandhom kliem ta' rikonoxxenza lejn dan is-saċerdot li kien fost l-ewwel wieħed li kien jifhem l-importanża tal-ħidma fost iż-żgħażagħ. Illum dan is-saċerdot huwa mfakkar f'Ħal Tarxien billi triq ġiet imsemmija għalih u bil-ħidma ta' l-istoriku Joseph Balzan, skola tas-snajja' ġiet imsejħa għalih. Kellhom jgħaddu snin meta l-ħolma ta' Dun Ġwann twettqet meta f'Malta bdew jinfetħu ċentri għaż-żgħażagħ f'diversi bliet u rħula.

*Kan. Dun. Gwann Sant*

**Ibża' għall-ambjent ta' madwarek!**
**TĦAMMIĠX !**